**Fil-Qorti Ċivili, Prim’Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 58/2024DC**

**F’l-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv**
**numru 2348/2023 f’l-ismijiet:**

***Gunther Klausner***
***(Passaport Awstrijakk U7092519)***
***debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu***
***l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M)***

***vs***

***Mr Green Ltd (C43260)***

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

Illum, 9 ta’ April 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors[1] tas-soċjeta Mr Green Limited[2] preżentat fit-23 ta’ Jannar 2024, permezz ta’ liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:

1. *Tordna provizorjament illi jigu limitati l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv nru 2348/2023 bil-konsegwenza li ma jsir ebda zbank ta’ cedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jigi deciz r-rikors odjern, u dan b’notifika u/ jew komunika urgenti lir-Registratur tal-Qrati Civili;*

[1] Ai fini ta’ dan id-degriet imsejjaħ “ir-rikors odjern”.
[2] Ai fini ta’ dan id-degriiet imsejħa “is-soċjeta rikorrenti”.

2. *Tordna illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 2348/2023 fl-ismijiet Gunther Klausner [Passaport Awstrijakk Numru U7092519] debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I 0012581M) vs Mr Green jigi limitat ghal-mizuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-regolament Brussels 1 Recast (UE) Nru 1215/2012 u/jew alternattivament tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru in parte, inkluz izda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe zbank jew tigbid ta' kwalunkwe flejjes depozitati mis-sekwestratarji ai termini tal-Artikolu 44(1)(c) tar-Regolament Brussels 1 Recast Nru 1215/2012, u dan sakemm jigi b'mod definittiv ir-rikors qed jigi zentat kontestwalment bejn l-istess partijiet.*

Rat id-digriet mgħoti fis-26 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Gunther Klausner[3] (kif rappreżentat mill-Avv Dr Sarah Sultana) preżentata f'l-4 ta' Aprtil 2024, f' liema risposta l-intimat qal li, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu dwar l-esekuzzjoni tas-sentenza li huwa ottjena mill-qorti kompetenti f'l-Awstrija,

> *M'għandu l-ebda oggezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet tal-proceduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament (Rikors Numru 55/2024 DC) jew sakemm ikun hemm ftehim mod iehor bejn il-partijiet, tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li ghandu favurih, fis-sens illi l-esponenti ma jkunx jista' jizbanka kwalsiasi flus li hemm depozitati u/jew li jistghu jigu depozitati fil-Qorti in konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2348/2023 minnha intavolat. B'dana illi pero lanqas is-soċjeta sekwestrata ma tkun tista' tiżbanka dawn l-istess flus depozitati fil-Qorti.*

Rat l-atti tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Permezz ta' sentenzi mgħotija fit-2 ta' Awwissu 2022 u fis-26 ta' Settembru 2022 mill-qrati ċivili gewwa l-Awstrija[4] is-soċjeta rikorrenti

[3] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "l-intimat"
[4] Krems Am Der Donau Regional Court, u l-Vienna Higher Regional Court rispettivament.

ġiet ikkundannata tħallas lill-intimat is-somma ta' €35,399.80 oltre imgħax u spejjez legali.

- Permezz ta' ittra uffiċjali numru 2626/2023 l-intimat interpella lis-soċjeta rikorrenti biex tħallas l-ammonti fuq imsemmija, iżda jidher li l-ħlas ma sarx.
- In segwietu l-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta rikorrenti, mandat numru 2348/2023 għall-kreditu kanoniżżat.
- Fit-23 ta' Jannar 2024 is-soċjeta rikorrenti preżentat rikors quddiem din il-Qorti permezz ta' liema qed titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent u ta'l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija ai termini ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe r-Regolament (UE) 1215/2012[5]. Is-soċjeta rikorrenti tikkontendi li r-rikonoxximent tas-sentenza għandha tiġi rifjutata a bażi ta'l-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament u cioe għax dak ir-rikonoxximent huwa manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta'l-Istat Malti.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta rikorrenti qed tfittex rimedju proviżorju ai termini ta'l-artikolu 44(1) tar-Regolament. Dan jipprovdi hekk:

> *Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*
>
> *(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*
>
> *(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*
>
> *(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

Illi kif intqal l-intimat, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu fil-kawża permezz ta' liema s-soċjeta rikorrenti qed tikkontesta l-enforzar f'Malta tas-sentenza li kkanoniżżat lill-intimat kreditur tagħha, m'għandux oġġezzjoni li l-effetti tal-mandat eżekuttiv li nħareġ fuq talba tiegħu jiġu

[5] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

sospiezi sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża tentata mis-soċjeta rikorrenti. L-intimat lanqas m'għandu oġġezzjoni li kwalunkwe flus depożitati l-Qorti in forza ta'l-imsemmi mandat jibqgħu hekk depożitati ukoll sakemm tiġi deċiza l-istess kawża.

Illi għal kull bon fini jingħad li għalkemm is-soċjeta rikorrenti tallega li s-sekwestratarji għaddew biex iddepożitaw l-ammont mitlub, ma nġiebet l-ebda prova ta' dan.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi:

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel talba** stante li din kienet intiża biex tingħata miżura proviżorja sakemm jigi deċiz definittivament ir-rikors odjern.

2. **Tilqa' t-tieni talba fis-sens** illi qed tordna illi ghandhom ikunu sospizi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 2348/2023 skond l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, iżda dan sa fejn tolqot biss it-tiġbid min-naħa ta' kwalunkwe wieħed mill-partijiet ta' flejjes li ġew jew għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji u dana sakemm tiġi deċiża b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-Numru 55/2024 fl-ismijiet *Mr Green Limited vs Gunther Klausner (Passaport Awstrijakk U7092519) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M).*

3. **Tordna notifika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili**, sabiex jieħu konjizzjoni tiegħu.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi notifikat elettronikament lil Dr Thomas Bugeja u Dr Sarah Sultana.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**